**IS-SITT SENA STUDJI SOĊJALI 2010 RISPOSTI**

**A**: 1 = b, 2 = b, 3 = a.

**B**: Semmi **mod wieħed** kif dawn li ġejjin jistgħu jikkomunikaw u jwasslu l-messaġġ tagħhom lill-oħrajn. Imxi skont l-eżempju.
Agħti 2 marki għal kull idea / tweġiba valida. Total tal-eżerċizzju = 8 marki

**Ċ**: Veru = 1, 2, 3, 6, 7, 8. Falz = 4, 5

**D**: 1 = l-Italja, 2 = Sardenja, 3 = Sqallija, 4 = art imdawra kollha kemm hi bil-baħar.

**E**: (1) il-Baħar Mediterran. N.B. Agħti l-marki lil min jindika l-Baħar l-Iswed.
(2) L-Istrett ta' Ġibiltà, id-Dardanelli u l-Kanal ta' Swejs.
(3) Agħti 2 marki lil min jagħmel ċirku madwar Malta.
(4) Agħti 2 marki għal kull pajjiż tajjeb. N.B. Il-Portugall ma jmissx mal-Mediterran.

**F**: 1. il-franka 2. barriera 3. taż-żonqor 4. tħaffru bil-qawwa tal-mewġ tal-baħar
5. Għar Dalam 6. Għajn Tuffieħa

**Ġ**: (1) Birżebbuġa (2) 3 marki lil min isemmi li Malta kienet xi darba magħquda mal-Ewropa; 2 marki lil min jikteb li f'Malta kien hawn annimali li llum ma għadhomx jgħixu hawn.

**G**:

1. ir-Ram
2. l-Oraklu u s-Sancta Sanctorum
3. żewġ marki lil minn isemmi waħda minn dawn li ġejjin: sibna oqbra kif ukoll għadam ta' nies midfuna hemm
4. mibnija b'ġebel / ħaġar kbir
5. L-Imnajdra u Ħaġar Qim
6. Il-Ġgantija
7. Għax il-ġebla tal-franka hija ratba u għalhekk tajba għall-bini.
8. arkeologu
9. Tempju jkun mibni 'l fuq mill-art; Ipoġew ikun imħaffer taħt l-art / ġol-blat.
10. Buġibba
11. fil-Mużew tal-Arkeoloġija fil-Belt
12. (ii) taħlita ta' ram u landa

**GĦ**:

1. La Valette
2. It-Torok Ottomani – agħti marka xorta waħda lil min jikteb 'It-Torok' biss.
3. marka 1 lil min isemmi xi wieħed minn Piali Paxà, Dragut, jew Mustafà Paxà.
4. 2 marki għal kull fortifikazzjoni tajba li jsemmu – jistgħu jagħżlu minn: Forti Sant'Iermu, is-swar tal-Isla, is-swar tal-Birgu, Forti San Mikiel, Kastell Sant'Anġlu, l-Imdina, iċ-Ċittadella.
5. 3 marki lil min isemmi raġuni valida – ir-raġunijiet jinsabu fuq il-*workbook* 'L-Ambjent Storiku – Malta Art Twelidna', paġni 40 u 41 (edizzjoni 2006).
6. 3 marki lil min isemmi tifsira valida. It-tifsiriet prinċipali qegħdin fil-*workbook* paġna 41 (edizzjoni 2006).